MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2010

Numru 986/2005

Il-Pulizija
(Supretendent Mario Bonello)

vs

Philip Agius

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita' numru 0171869M, akkuzat talli:

1. fit-18 ta' Gunju 2004 ghal habta ta' l-5:00 p.m. gewwa l-Marsa b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna offiza gravi u disabbilita' permanenti fuq il-persuna ta' Carmela Muscat, anzjana skond kif iccertifikat Dr Claire Falzon M.D;
2. fl-istess lok, zmien, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew

professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Dolores Muscat skond kif iccertifika Dr. S. Sammut M.D.;
3. fl-istess lok, zmien, hin u cirkostanzi ghamel hsara involontarja fil-proprjeta' u ghad-detriment tal-imsemmija Carmela Muscat u bintha Maria Dolores Muscat.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza, huma kif hawn riprodotti, cioè:

- l-akkuzat jirresjedi f'mezzanin sovrapost ghat-terran okkupat mill-imsemmija Muscat – il-fondi rispettivi taghhom huma n-numru 26 u 28, Triq Isouard, Marsa;
- l-imsemmija Muscat korriet meta sfrondaw zewg xorok tas-saqaf bejn iz-zewg fondi;
- dan issuccieda fil-hin li l-akkuzat kien qieghed jaghmel xoghol ta' rimozzjoni tal-paviment fil-fond tieghu.
- konsegwenza tal-isfrundar tax-xorok mill-fond sovrapost ghal dak sottopost wegghet l-imsemmija Muscat liema griehi gew ikkonstatati mit-Tabib Mario Scerri, nominat fl-inkjesta, bhala li jikkonsistu f''haematoma' fir-regun 'occipito parietali' u f'abbrazzjonijiet u dbengil estensiv fuq dirghajha tal-lemin.

Illi fl-imsemmija atti tal-inkjesta hemm ukoll ir-relazzjoni debitament mahlufa tal-espert tekniku, l-Perit u Arkitett Civili Valerio Schembri, li attribwixxa l-waqa' tax-xorok ghall-piz esercitat minn saqajn Philip Agius fuq l-istess xorok. Fil-kostatazzjonijiet li jaghmel it-tekniku hemm imsemmija zewg fatturi li huma rilevanti: (i) li l-akkuzat ma spezzjonax ix-xorok mit-terran numru 28 qabel ma beda

jaqla' l-madum; (ii) li l-akkuzat ma ghamilx armar adegwat kemm sabiex jissalvagwardja s-sahha u l-hajja ta' min jabita fil-fond sottostanti…. kif ukoll sabiex ma ssirx hsara fl-istess. Haga ta' min jirrileva, li l-Perit Tekniku fl-accertamenti li ghamel ikkonstata, hi toqba f'wahda mix-xorok minn naha tal-fond sottostanti, li jattribwixxi ghal vit (roll-bolt) li kien qed izzomm id-dawl. L-abbli difiza ghamlet enfazi fuq dan il-fattur u sostniet fuq il-"casus".

Illi fuq daqshekk, apparti l-konkluzzjonijiet peritali, li l-Qorti ma tistax tiskartahom leggerment, ukoll ma taqbilx ma' dak sostnut mid-difiza li l-kaz ghandu jigi kkonsidrat bhala 'casus'. L-Artikolu 225 tal-Kap 9 jitkellem fuq nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti. L-ahhar tnejn jispjegaw ruhhom wahedhom waqt li t-terminu 'nuqqas ta' hsieb u traskuragni', ghalkemm mhux spjegat fil-ligi, ifisser b'mod generali nuqqas ta' attenzjoni u tehid ta' prekawzjonijiet mistennija minn persuna f'cirkostanzi partikolari. Bhala fatt pero' skond il-ligi taghna sabiex persuna tinsab hatja ta' negligenza l-agir taghha jrid jinkwadra ruhu taht wahda minn dawn l-erba' forom imsemmija u jidher li t-test sabiex persuna tinsab hatja ta' negligenza huwa dak soggettiv ossia l-prevedibbilita' tal-event dannuz. Il-Professur Sir Anthony Mamo succintament jispjega li "every sane adult is presumed to intend the natural or necessary consequences of his willful conduct …if he was aware that certain consequences might follow the act which he contemplated doing and yet deliberately proceeded to do it, he must be taken to have intended those consequences to follow even though he may have hoped that they may not".

Ergo, u fil-fehma tal-Qorti, altru li l-kaz hu attribbwibbli ghal "casus". Tistqarr il-Qorti li fid-dawl tal-provi u l-accertamenti tal-perit hi l-ferma konvinzjoni taghha li l-akkuzat kien negligenti stante li ma ha ebda prekawzjonijiet biex ma jigrix dak li gara kif accertat mhux biss mit-tisbit li ppreceda l-kollass tax-xorok.

Dwar il-feriti l-Qorti tghid li fuq l-iskorta tar-rapport mediku u fin-nuqqas ta' provi cari u konkludenti l-griehi sofferti

minn Carmela Muscat humiex klassifikabbli bhala gravi u ghandu japplika, fil-kaz de quo, l-Artikolu 216(2) tal-Kap 9 li jitqiesu tali minhabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiza.

Dwar il-hsara jirrizulta li saru r-riparazzjonijiet kollha u f'kull kaz huwa applikabbli l-Artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Altrimenti l-imputat ghandu jinstab hati tal-ewwel zewg akkuzi kif fil-fatt ser jigi misjub.

Ghaldaqstant tiddikjara l-akkuzat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza. It-tielet akkuza assorbita. Rat l-Artikolu 226(b) u 17 tal-Kap 9. Tikkundannah elf Euro multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------